**11 ta Jannar, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Carmela Tabone nomine

*versus*

Paolo Muscat

**Filjazzjoni — Ammissjoni — At. 80 Codići Ćivili.**

*L-art. 80 tal-Kodići Ćivili jikkontempla presunzjoni li iben im-*

*nissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu.*

*F'każ ta' ammissjoni da parti tal-konvenut preżunt missier l-ammissjoni waħedha mhix biżżejjed għaliex l-istat tat-tifel ma' jistax ikun awdat għall-kapriċċ jew għall-kolluzjoni ta' żewġ konkubini li jista jkollhom interess li jattribwixxu lit-tifel filjazzjoni diversa min dik li realment seta' jitlob u dan allavolja kienet ġia' għaddiet in ġudikat sentenza bejn l-attriċi f'din l-istanza u żewġha fejn ġie dikjarat li t-tifel in kwistjoni hu bin missier mhux magħruf. Bl-istess mod iz-xiehda isolata tal-omm mhiex suffiċjenti.*

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni talbet li l-konvenut jiġi dikjarat min din il-Qorti illi huwa missier naturali tal-imsemmi Paolo Tanti, iben l-attriċi, bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi nomine u n-nota tax-xiehda tagħha, kif ukoll id-dokumenti minnha esibiti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi nomine u n-nota tax-xiehda tagha, kif ukoll id-dokumenti minnha esibiti.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paolo Muscat fejn eċċepixxa li il-pretensjonijiet u t-talbiet attriċi m'għandhom ebda fundament la fid-dritt u anqas fil-fatt, u għalhekk l-istanza għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' *Novembru*, 1963 fejn ordnat li jiġu sfilzati in-nota tal-eċċezzjonijiet u d-dik-

jarazzjoni li jkun fihom esposizzjoni ċara u dettaljata tal-fatti li fuqhom hija bażata tant l-eċċezzjoni kemm id-dikjarazjoni;

Rat il-verbal tal-istess ġurnata, fejn l-Avukat tal-konvenut iddikjara li huwa sejjer jippreżenta nota tal-ammissjoni;

Rat n-nota tal-konvenut preżentata fis-27 ta' Novembru, 1963 li biha, ammetta t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, billi huwa il-missier naturali ta' Paolo Tanti, tifel tal-attriċi;

Rat l-atti tal-kawża u s-sentenza fl-ismijiet "Giuseppe Tabone vs Carmela Tabone et nomine" deċiża min dina l-Qorti fid-29 ta' April, 1963, li għaliha saret referenza;

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi u żewġha Giuseppe Tabone b'kuntratt tal- ta' Mejju, 1958 riċevut fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Carbonaro stipulaw bejnithom separazzjoni personali konsenswali;

Li skond iċ-ċertifikat tat-twelid esebit a fol; 8 tal-proċess fuq riferit, it-tifel Paul jidher li kien ġie reġistrat bħala iben tal-imsemmi Giuseppe Tabone, allavolja twieled wara s-separazzjoni legali u ċioe' fil-5 ta' Settembru, 1962

Li l-imsemmi Giuseppe Tabone b'sentenza mogħtija minn-dina l-Qorti fid-29 ta' April, 1963, fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Tabone vs. Carmela Tabone nomine et", ġja fuq indikata, li saret definitiva, ġie dikjarat li huwa mhux

missier l-imsemmi tifel Paul; u ġiet ordnata l-korrezzjoni ta' dan l-att tat-twelid fis-sens li l-istess Paul jiġi reġistrat bħala iben ta' persuna mhux magħrufa — liema korrezzjoni tirriżulta mid-dokument esibit a fol. 4 ta' dana l-proċess;

Ikkunsidrat:

Li meta twieldet it-tarbija Paul, l-attriċi kienet separata legalment min żewġha, u dana kien il-motiv determinanti li fil-kawża riferita r-raġel tal-attriċi ġie ammess jiddiskonoxxi lit-tifel Paul, nonostante l-presunzjoni kontemplata fl-art. 80 tal-Kodiċi Ċivili, li tiddisponi li l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu.

Ikkunsidrat:

Li, tant mix-xiehda tal-attriċi kif ukoll min dik talkonvenut, allura xhud, mogħtija fil-kawża riferita, irriżulta li huma ilhom konkubinati ħames snin, u li għadhom flimkien sal-lum, fl-istess dar, u t-tifel Paul igħix magħhom; u li l-konvenut kien mar l-għassa tal-Puluzija biex jirreġistra lit-tifel fuq ismu, u skond kif xehed il-konvenut, "Jiena irrikonnoxxejt ma kull ħadd li huwa ibni, kif filfatt għandhi r-raġunijiet kollha naħseb li hu".

Ikkunsidrat:

Li, l-konvenut ammetta t-talba, iżda dina l-ammissjoni waħedha ma kienitx, fil-fehma tal-Qorti, tkun biżżejjed, għaliex l-istat tat-tifel, għalkemm ġia' definit bissentenza imsemmija, ma jistgħax ikun avdat għal kapriċċ

jew għal kolluzzjoni ta' żewġ konkubini li jista jkollhom interess li jattribwixxu l-t-tifel filjazzjoni diversa min dik li realment seta' jitlob.

Ikkunsidrat:

Li anqas ix-xiehda isolata tal-omm, ma kienitx tkun suffiċjenti, għaliex "Nelle cause di paternita' illegittima la disposizione della madre deve essere accolta con molta circospezione e con discernimento speciale, e non e' attendible se non quando nella parte sostanziale e' confortata e sorretta da altre prove, non bastando da se' sola a provare concludentemente la paternita' (v. collez. VXII, 11, 8).

Ikkunsidrat:

Li, f'dana l-kaz, pero' l-Qorti mill-kompless tal-provi li ġew prodotti, waslet għal konvinzjoni li l-imsemmi tifel Paul huma iben naturali tal-konvenut u għalhekk ma jidirlhix, li huwa l-każ li tiddelunga ruħha fuq l-indaġini tal-kondizzjoni rikjesti mill-ġurisprudenza lokali, biex tiġi konstatata l-filjazzjoni naturali (v. Kollezz. XXIV, 1, 780; XXVII, I, 437; XVII, I, 458; XXX, I, 443).

Għal dawna l-mottivi;

Għal dawna l-mottivi;

Tiddeċiedi billi tilqa t-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li għandhom jiġu taxxati bħal fil-każ ta' ammissjoni.